# Lectio Divina

It-Tieni Ħadd tal-Għid (A)

Ġw 20, 19-31

**Dakinhar fil-għaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa...**

Iż-żewġ dehriet ta' Kristu Rxoxt iseħħu fl-ewwel jum wara s-Sibt, fil-«jum tal-Mulej» (cf. *Apok* 1,10). Huwa t-«tmien jum» (cf. v. 26), il-jum bla tmiem tal-ħolqien ġdid. Huwa l-jum tan-Nisrani, tal-bniedem il-ġdid, «maħluq skond Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija tassew» (*Ef* 4,24). Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet huwa l-ġrajja fundamentali li fuqha tinbena l-fidi tan-Nisrani: «jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom» (*1Kor* 15,14). Għalhekk hu meħtieġ li nistqarru l-fidi tagħna fil-qawmien ta' Kristu. "Il-qawmien mill-imwiet [ta' Kristu] qabel xejn iwettaq kull ma Kristu stess għamel u għallem. Il-veritajiet kollha, dawk ukoll li moħħ il-bniedem ma jasalx għalihom, isibu l-ġustifikazzjoni tagħhom fi Kristu, għax Kristu, bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, ta l-prova definittiva li kien wiegħed, l-awtorità tiegħu ta' Alla." (KKK, 651).

**...meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: «Is-sliem għalikom!»**

Id-don ta' Kristu Rxoxt huwa s-*sliem* tiegħu (vv. 19, 21, 26). Huwa «l-Mulej tas-sliem innifsu» (*2 Tess* 3,16) li jħabbeb kollox miegħu permezz tal-għotja tiegħu fuq is-Salib. Is-sliem ta' Kristu hu għal kollox differenti minn dak li tagħti d-dinja (cf. *Ġw* 14,27). Fl-etimoloġija Ebrajka, il-kelma *shalom* tfisser bniedem sħiħ, integru, u t-twettiq ta' għemil biex terġa' tagħti l-integrità lill-bniedem. Il-bniedem hu sħiħ meta jgħix f'armonija r-relazzjoni tiegħu ma' Alla, miegħu nnifsu, mal-oħrajn u mal-ħolqien. Bl-opra tal-fidwa tiegħu, Kristu jagħti s-sliem lill-bniedem imfarrak mill-jasar tad-dnub: «Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna - il-mibegħda ta' bejnietna» (*Efes* 2,14; *Rum* 5,1). Id-dixxipli ta' Kristu huma msejħa biex iwasslu s-sliem tiegħu lill-bnedmin: din hi l-*ewwel aħbar tajba* li għandhom jagħtu kull fejn imorru: « Fid-dar fejn tidħlu, l-ewwel għidu, 'Is-sliem lil din id-dar.'» (Lq 10,5).

**Kif qal hekk uriehom idejh u ġenbu.**

Fil-Vanġelu skont San Luqa u skont San Ġwann, insibu li meta jidher Kristu Rxoxt id-dixxipli ma jagħrfuhx mal-ewwel imma biss wara li l-Mulej jgħid xi kelma jew jagħmel xi sinjal (*Lq* 24,30.35; *Ġw* 20, 14.16.20; 21, 4.6-7). Il-ġisem ta' Kristu Rxoxt jinsab fi stat ġdid, meħlus mil-limiti ta' spazju ta' din id-dinja hekk li jgħaddi mill-bibien magħluqa, jidher u jgħib. Fl-istess ħin mhuwiex fantażma għax għandu laħam u għadam u jiekol ikel materjali (*Lq* 24, 39-43). "Hu l-istess – Bniedem tal-laħam u l-għadam – imma hu anki l-Ġdid, Dak li daħal f'tip ieħor ta' eżistenza [...] In-novità tat-*teofanija* tal-Irxoxt tikkonsisti fil-fatt li Ġesù hu verament Bniedem: bħala Bniedem Hu bata u miet; issa jgħix b'mod ġdid fid-dimensjoni ta' Alla l-Ħaj" (Benedittu XVI).

**Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej.**

Il-laqgħa ma' Kristu Rxoxt, l-Iben ta' Alla, tlissen fil-bniedem il-ferħ messjaniku li ħadd ma jista' jisraqlu (cf. *Ġw* 16,22). L-ewwel sinjal fi Ġwanni jseħħ fil-kuntest ta' tieġ f'Kana tal-Galilija (*Ġw* 2, 1-12) li jħabbar it-Tieġ tal-Ħaruf li diġà beda. Minn issa d-dixxiplu jista' jifraħ bil-preżenti ta' Kristu, il-Ħaruf tal-Għid, "Vittma dejjem ħajja" (*agnus qui vivit semper occisus*) u jagħmel festa (cf. *1 Kor* 5,8). Hu msejjaħ biex jaqsam dan il-ferħ tal-Għid billi jxandar lil Ġesù ta' Nażaret: «Rajna lill-Mulej» (v. 25; ara wkoll *1Ġw* 1,4; *2Ġw* 12; aqra *Evangelii gaudium*, 5).

**Imbagħad tenna jgħidilhom: «Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom.»**

Kristu huwa l- «appostlu u l-qassis il-kbir tal-fidi li aħna nistqarru» (*Lhud* 3,1), "l-ewwel u l-akbar evanġelizzatur" (*Evangelii Nuntiandi*, 7). Huwa l-«Mibgħut» (*Ġw* 9,7) li jibgħat lid-dixxipli tiegħu jkompli l-missjoni li ngħatatlu mill-Missier. Din il-missjoni ssir possibli permezz tal-għotja tiegħu nnifsu "hu fetħilna 'l-ġewwa mill-velu" (*Lhud* 10,20) u hekk il-bniedem jista' jissieħeb fil-qdusija ta' Alla: «Kif inti bgħatt lili fid-dinja, hekk jiena bgħatt lilhom fid-dinja. U jien minħabba fihom nagħti ħajti, biex huma wkoll ikunu mqaddsin permezz tal-verità.» (*Ġw* 17, 18-19). Biex jgħix is-sejħa ta' *mibgħut*, id-dixxiplu jrid iħalli jgħammar fih is-sliem ta' Kristu u jibqa' fl-imħabba tiegħu, kif il-fergħa tibqa' magħquda mad-dielja biex tagħmel il-frott (cf. *Ġw* 15).

**Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: «Ħudu l-Ispirtu s-Santu.**

Kristu mqajjem mill-mewt jagħti wkoll id-don tal-Ispirtu tiegħu li jagħti l-ħajja (*Ġw* 6,63). Il-verb «nefaħ» (ἐνεφύσησεν) huwa l-istess li nsibu f'*Ġen* 2,7: «il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja». Kristu Rxoxt jagħti l-Ispirtu li jġib il-ħolqien ġdid tal-umanità. Il-bniedem li jgħix fi Kristu għandu fih dan l-Ispirtu (cf. *Ġw* 5, 24).

**Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma**.»

Il-maħfra tad-dnubiet hija parti essenzjali mill-misteru tal-Għid u għandha l-għeruq tagħha fil-qawmien ta' Kristu mill-mewt. «Kristu miet minħabba dnubietna» (*1 Kor* 15,3) u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet ħariġna mill-mewt għall-ħajja hekk li aħna issa «mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù» (*Rum* 6,11). Il-Knisja hija l-komunità tas-salvazzjoni li fiha hemm is-setgħa tal-maħfra tad-dnubiet. Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni huwa "proklamazzjoni liturġika tal-misteru tal-Għid, applikat *hic et nunc* kemm għall-fidili li jxandruh, kif ukoll għal dawk li jirċevuh" (Häring). Min ma jagħmilx esperjenza tal-maħfra ta' dnubietu, jibqa' lura milli jduq il-kobor tal-ġrajja tal-Għid (cf. *1 Tim* 1,14-16).

**Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù.**

L-Appostlu Tumas huwa l-bniedem dubjuż u li tendenzjlament malajr jaqta' qalbu (*Ġw* 11,16; 14,5). Huwa xbieha tad-dixxiplu ta' kull żmien li jsib diffikultà biex jemmen li Kristu tassew qam mill-imwiet. Kull dixxiplu jidentifika ruħu bħala «t-Tewmi» ta' dan l-Appostlu, u permezz tiegħu jsib il-qawwa biex jagħmel mixja mid-dlam tad-dubju lejn l-istqarrija tal-fidi: "Tumas, li kien hekk tqil biex emmen, swielna ta' ġid għall-fidi tagħna aktar mid-dixxipli l-oħra li emmnu; huwa emmen għax mess b'idejh stess, u bis-saħħa ta' dan aħna wkoll nistgħu nneħħu kull dubju u nitwettqu fil-fidi" (S. Girgor il-Kbir).

**Imbagħad qal lil Tumas: «Ġib sebgħek hawn u ara jdejja, u ressaq idek u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen.»**

L-*idejn* ta' Kristu (vv. 20.25.27) jġorru «il-marka tal-imsiemer» (v. 25). Ifakkruna fl-idejn li jsemmi l-Profeta Isaija: «Ara! Naqqaxtek fuq il-keffa ta' idejja» (49,16). Il-marka tal-

imsiemer, simbolu tad-dnub tal-bniedem, jiġu mibdula fil-ħajja ta' dejjem tal-*Kyrios* u jsiru marki tal-imħabba ta' Alla u tal-ħajja ġdida; isiru "simbolu sagramentali" (von Balthasar) tal-omnipresenza u l-omnidedikazzjoni ta' Alla lejn il-bniedem.

Il-*ġenb* ta' Kristu (vv. 20.25.27) huwa l-kustat minfud mnejn joħorġu «demm u ilma» (*Ġw* 19,34). Bħalma Eva tiġi msawwra mill-ġenb ta' Adam, hekk il-Knisja titnissel mill-ġenb ta' Kristu, Adam il-ġdid.

**Wieġeb Tumas u qallu: «Mulej tiegħi u Alla tiegħi!»**

Tumas jagħmel professjoni ta' fidi fi Kristu Rxoxt: hu jistqarr id-divinità ta' Kristu. Il-kelmiet «κύριός» u «θεός» jittraduċu l-Ebrajk «Yahweh» u «Eloihim» (eż. *S* 35,23-24): Ġesù ta' Nażaret huwa veru Alla u għalih jistgħu jiġu applikati dawn is-siltiet tal-Iskrittura li jitkellmu fuq Yahweh.

**Qallu Ġesù: «Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu.»**

Ġesù jitlob fidi mingħajr pretensjonijiet. Hu ma jridx dixxipli li jaraw biss jekk jemmnu (cf. *Ġw* 4,48). L-evanġelista għandu f'moħħu l-komunità li għaliha qed jikteb, jiġifieri l-Insara tat-tieni ġenerazzjoni li wkoll kienu jsibu diffikultà biex jemmnu fil-qawmien mill-imwiet. Insibu hawn l-aħħar beatitudni tal-Vanġelu: «Henjin» (μακάριοι) li teħodna għall-ewwel waħda li nsibu fuq fomm Eliżabetta fil-Vanġelu skont Luqa: «Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej!» (*Lq* 1,45). Kristu jistieden lid-dixxiplu għall-hena ta' min *jara bl-għajnejn tal-fidi:* jara fil-profondità. Huwa hieni d-dixxiplu li għandu dik il-fidi li *tisma'* (*Rum* 10,17) u tgħinu jagħmel *mixja* biex *iħares fil-fond* (S.Tumas t'Akwinu jitkellem mill-*oculata fides*: il-fidi li tara). Hija dik il-fidi li tinbena fuq il-laqgħa persunali ma' Kristu Rxoxt. Mhijiex fidi sempliċiment interjuri jew ta' kunċetti imma tinbena fuq *relazzjoni ħajja ma' Kristu:* dak Kristu li nistgħu *mmissu* permezz tas-Sagramenti. "Li tmiss b'qalbek, dan ifisser temmen" (Santu Wistin; aqra *Lumen fidei*, 30-31). Id-dixxiplu huwa dak li permezz tal-Kelma ta' Alla hu jasal biex bħal Tumas jistqarr il-fidi tiegħu fi Kristu u hekk jgħix irxuxtat miegħu:

**Iżda dawn inkitbu biex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu.**

Għall-**meditazzjoni**:

Id-doni ta' Kristu Rxoxt huma s-*sliem*, l-*Ispirtu li joħloqna mill-ġdid*, il-*maħfra tad-dnubiet*. Naħseb fuq kull wieħed minn dawn id-doni: kif qed nilqagħhom? Kemm huma l-kawża tal-*ferħ* tiegħi?

Jien u Tumas: liema huma d-*dubji* tiegħi u l-*mistoqsijiet profondi* li hemm f'qalbi? Kemm kapaċi *nistenna* ż-żjara ta' Kristu Rxoxt billi nibqa' f'*atteġġjament ta' tfittxija*?

Il-fidi tiegħi hija tassew *fiduċja* fi Kristu «Mulej tiegħi u Alla tiegħi»? Kemm għandu *viżjoni ta' fidi* fil-mod kif inħares lejn il-vokazzjoni tiegħi? Kemm qed inħares fil-profondità?